# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 1126/2017 MH**

**Illum, 25 ta' Novembru, 2019**

**Joseph Buttigieg (ID 677246M) u martu Maria Buttigieg (ID 888749M)**

**Vs.**

**Anthony Camilleri u martu Doris Camilleri**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors guramentat**[1] ta' l-atturi li gie prezentat fil-15 ta' Diċembru 2017 li permezz tieghu esponew:

*"1. Illi huma ghandhom il-fond 72, Redentur, Triq Simpson, Marsa filwaqt li l-konvenuti għandhom 68, The Lodge, Simpson Street, Marsa.*

[1] Folio 1

*2. Illi ripetutament il-konvenuti jippretendu illi jpoggu aerial tat-televixin b' mod illi parti mill-istess aerial tinvadi l-proprjeta' tal-atturi u dan skont il-principji tal-ligi illi min ghandu l-arja ta' taht ghandu l-arja sas-sema.*

*3. Illi minkejja li gew interpellati biex iqieghu l-aerial kif ghandu jkun skont il-ligi, it-twegiba kienet illi l-aerial wahhluh tal-kumpanija GO u ghalhekk ma kienx se jitnehha u kollox kien se jithalla kif inhu.*

*4. Illi in vista ta' din l-isfida l-esponenti m' ghandux triq ohra hlief illi jkollu ordni mill-Qorti illi din is-sitwazzjoni ta' vjolazzjoni tal-pussess tigi sanzjonata b' sentenza tal-Qorti.*

***Kawzali***

*Peress li l-konvenuti qed jinvadu il-pussess illi ghandhom l-atturi tal-arja tal-bejt taghhom tal-fond 72, Redentur, Triq Simpson, Marsa b' installazzjoni ta' aerial tat-televixin li qieghed fil-fond 68, The Lodge, Simpson Street, Marsa, billi l-aerial qieghed in parte fl-arja tal-atturi;*

*Peress minkejja li gew interpellati il-konvenut biex iqieghdu kollox skont il-ligi u jnehhu din il-vjolazzjoni ta' pussess.*

***Talbiet***

*Jinghad ghalhekk mill-konvenuta ghala din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:*

1. *Tikkundannahom u fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit illi jnehhu l-aerial tat-televixin minn fuq il-fond 68, The Lodge, Simpson Street,*

*Marsa, b' mod li jinvadi l-arja posseduta mill-atturi proprjetarji tal-fond 72, Redentur, Simpson Street, Marsa.*

2. *U fin-nuqqas li jsir dan ix-xoghol fiz-zmien moghti, l-esponenti jkunu awtorizzati li jaghmlu l-istess xogholijiet huma anke billi l-istess aerial jigi rimoss.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni."*

Rat **ir-risposta guramentata**[2] tal-konvenuti li giet prezentata fit-2 ta' Frar 2018 li permezz taghha esponew:

*"1. Illi l-esponenti Anthony Camilleri u martu Doris Camilleri huma is-sidien tal-fond 68, The Lodge, Triq Simpson, Marsa filwaqt illi adjacenti mal-proprjeta' msemmija tal-esponenti joqghodu l-konjugi Joseph u Maria Buttigieg gewwa 72, Redentur, Triq Simpson, Marsa.*

*2. Illi preliminarjament jigi rilevat illi din il-kawza ssejset mill-atturi inutilment. Illi filfatt l-aerial mertu tal-kawza kien diga tnehha mill-konvenuti u dan stante illi wara l-ittra legali mibghuta mill-atturi il-konvenuti talbu lis-socjeta' GO p.l.c sabiex jitnehha dan l-aerial u jitpogga f' post alternattiv. Illi minflok l-atturi intavolaw il-kawza odjerna u dan purament per pika mal-konvenuti u gia la darba il-kawza nfethet ghal xejn ghalhekk ghandhom ikunu l-atturi li jsofru l-ispejjez.*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti jirrilevaw illi huma dejjem kellhom id-dritt li jinstallaw l-aerial tat-television izda huma nehhew l-istess aerial sabiex izommu l-buon vicinat. Illi t-talbiet attrici huma llum ezawriti u minflok mal-atturi mxew fuq principju ta' buon vicinat ghazlu li*

[2] Folio 8

*jintavolaw kawza inutilment u dan meta kienu ben jafu illi l-aerial kien proprjeta ta' GO p.L.C. u ghalhekk il-konvenuti kellhom l-obbligu illi jitolbu lil istess socjeta' biex tnehhih.*

*4. Illi ghalhekk il-konvenuti mhux biss mxew fuq il-principji tal-buon vicinat izda kienu fl-impossibilita' li jnehhu l-aerial in kwistjoni qabel id-data li effettivament tnehha mis-socjeta GO plc b' hekk qed izommu ferm ghal ispejjez ta' dawn il-proceduri li ghamluhom l-atturi inutilment.*

*5. Salve eccezzjonijiet ulterjuri;*

*Bl-ispejjez kontra l-atturi li minn issa huma ngunti in subizzjoni."*

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat ukoll ir-rikors ta' l-istess atturi datat 26 ta' Lulju, 2019 in vista tal-kwistjoni li baqgħet pendenti bejn il-partijiet ċioe' il-kap spejjez.

Rat illi fil-fatt da parti ta' l-atturi jsostnu **li fil-mori** ta' din il-kawza l-*ariel* suġġett ta' l-ilment li wassal għal kawza odjerna tneħħa u ma baqax jinvadi l-pussess ta' l-atturi.

Da parti tagħhom il-konvenuti fir-risposta ġuramentata tagħhom jikkontestaw il-bżonn ta' dawn il-proċeduri għax jinsistu lil *ariel* iċċaqlaq mill-post lamentat qabel ma ġiet intavolata din il-kawza.

Rat ukoll li f'dan ir-rigward li kienu biss l-atturi li ressqu provi fir-rigward, dan permezz ta' żewg affidavits; dak ta' Joseph Buttigieg u dak ta' l-avukat tiegħu Dr.Joseph Brincat.

**Dr. Joseph Brincat**[3] igħid fl-affidavit tiegħu li sakemm hu presenat il-kawza odjerna l-atturi kienu anke rċevew ittra opositorja għat-tneħħija ta' l-*ariel* u kontestazzjoni ta' responsabitlta' da parti tal-konvenuti. Ukoll li hu kien ġie infurmat mill-istess attur Joseph Buttigieg, u dan wara li nbdiet il-kawza, illi xi nies kienu neħħew l-*ariel* mill-post li kien qiegħed skont ir-rikors guramentat u li kien tqiegħed f'post mhux invasiv għall-atturi. Jgħid Dr.Brincat lil klijent tiegħu kien anke urieh ritratt b'gazzetta li turi kemm l-*ariel* ukoll id-data qabel ma ġie presentat r-rikors ġuramentat kif tidher fuq l-istess ġurnal.

L-affidavit ta' l-attur **Joseph Buttigieg**[4] jikkonferma dan. Senjatament igħid lir-ritratt minnu esebit ma l-istess affidavit[5] ħadu biex ikollu prova ta' dak li sostna kemm il-post ta' l-*ariel* invasiv ukoll lil kawza ġiet presentata qabel ma ġie mċaqlaq l-*ariel* ikkontestat.

Tqies ukoll illi l-konvenuti ma ressqu ebda provi għajr li permezz l-avukat tagħhom, fl-ewwel seduta ffisata[6], qabblu lil mertu tal-kawza kien ġie ezawrit pero li kienu qegħdin jikkontestsw il-kap spejjez.

Għandu jingħad illi din is-seduta imsemmija ġrat xahrejn wara li ġie presentat ir-rikors ġuramentat ukoll lil konvenuti ġew notifikati bl-istesss rikors fis-16 ta' Jannar, 2018.

Illi magħmula dawn il-konstatazzjonijiet, tenut kont ta' dak li tresaq lilha bħala provi u mħaddan il-prinċipju bażiku li minn jallega għandu jipprova l-Qorti ssib illi l-ispejjeż għandhom jinkombu lil konvenuti. Kien jispetta lilhom la kienu qed jikkontestaw l-istess li jissodisfaw il-Qorti bit-teżi tagħhom. Tqies il-Qorti lli huwa vera lli l-atturi setgħu faċilment presentaw ritratt b'gazzetta anitka,

[3] Ara affidavit a folio 14ħadu biex ikollu
[4] Ara affidavit a folio 15
[5] Folio 17
[6] Ara digriet gta' din il-Qorti a folio 4.

pero l-konvenut lanqas ħjiel ta' attentat ta' prova ma ressaq biex juri meta tneħħa l-*ariel* in kwistjoni meta seta' faċilment ressqu bħala xhieda lis-soċjeta' Go skont dak minnhom sostnut fir-risposta ġuramentat. Anzi fis-seduta tat-13 ta' Mejju, 2019 talbu lil kawza tmur għas-sentenza.[7]

**Konsegwentement stante l-eżawriment tal-mertu kif dikjarat mill-partijiet tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet, b'dan pero li takkolji l-kap spejjeż lil konvenuti**.

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**

[7] Folio 24